**16 ta' Ottubru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo., O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

B'deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 1961 (publikata) ġie miċħud lill-konvenut il-permess li jappella minn din is-sentenza quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.

Mary Debattista

*versus*

George Debattista

**Żwieġ — Separazzjoni Personali — Ġurisdizzjoni — Domiċilju — Residenza — Emigrazzjoni — Xhieda Stenografu — Art. 743 tal-Kap. 15.**

*Skond id-Dritt Internazzjonali Privat, għall-kawżi ta' separazzjoni personali "ut sic" għandhom ġurisdizzjoni l-Qrati tan-nazzjonalità jew domiċilju tar-raġel fil-mument li tiġi ntavolata l-kawża, anki jekk il-konvenut ma jkunx residenti entro tali ġurisdizzjoni fil-mument li l-kawża tiġi istitwita. Għaldaqstant, jekk mara tipproponi kawża ta' separazzjoni personali kontra żewġha, u fil-mument li hija tippreżenta ċ-ċitazzjoni relattiva żewġha kellu d-domiċilju tiegħu f'dawn il-Gżejjer, il-Qrati Tagħna għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża.*

*Bħala regola, jidher li hu affermat diversi drabi mill-Qrati Tagħna l-prinċipju illi l-Malti li jemigra, avvolja jdum ħafna, ma jitlefx id-domiċilju tiegħu tal-oriġini meta jkun mar għax-xogħol, anki jekk jieħu l-familja tiegħu, sakemm ma jkunx hemm provi preċiżi li huwa ma għandux intenzjoni li jerġa lura. Jekk minn dawn il-provi l-Qorti tkun soddisfatta li l-emigrant ma tilefx jew ma abbandunax id-domiċilju tiegħu tal-oriġini, ma hemmx għalfejn jiġi nvestigat jekk huwa tilefx dan id-domiċilju u akkwista domiċilju ġdid meta emigra u mbagħad reġa akkwista d-domiċilju tal-oriġini meta reġa lura f'dawn il-Gżejjer.*

*Il-Liġi tal-Proċedura trid illi d-depożizzjoni tax-xhud tiġi lilu moqrija; u meta tiġi meħuda bl-istenografu, it-traskrizzjoni tax-xhud għandha tinqara lilu, ma' tul is-seduta jew wara, mir-Reġistratur, li għandu jniżżel nota ta' dan il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni. Dan il-qari tax-xhieda mhuwiex xi formalità ozjusa jew aċċidentali, iżda għandu l-akbar importanza, biex jaċċerta illi l-kontenut jirrappreżenta tassew dak li qal u fehem ix-xhud, u x'ried jgħid, jew, fil-każ li dan ma tkunx hekk, jagħtieh l-opportunità li jagħmel it-tibdil, korrezzjonijiet jew żidiet li jkunu meħtieġa. Kwalunkwe nuqqas jew rilassazzjoni fl-osservanza tar-regoli stabbiliti mill-liġi huwa deplorevoli.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' sevizji, eċċessi, minaċċi u nġurji gravi, talbet illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) tiġi pronunzjata bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali, u hija tiġi awtorizzata tgħix separata minn żewġha; (2) il-konvenut ikun dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli għall-każ; (3) il-konvenut ikun kundannat iħallasha, għaliha u għal uliedha minuri Maria Diana u David James, pensjoni alimentarja fil-mod, żmien u lok li jiġu stabbiliti mill-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tat-12 ta' Mejju 1960, u tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' dik il-Qorti, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa, preliminarment, illi dik il-Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni fuq dan il-każ billi l-kontendenti miżżewġin taħt l-eġida tal-liġijiet tal-Istat ta' Queensland fil-Commonwealth of Australia, u huwa, u hekk martu, hu domiċiljat fi Queensland; illi, salv il-premess, b'ebda mod huwa ma rrenda ruħu ħati ta' eċċessi, sevizji jew minaċċi gravi lejn l-attriċi; illi l-artikoli tal-liġi maltija mhumiex applikabbli, għaliex iż-żwieġ sar fi Brisbane, fl-Istat ta' Queensland, u f'każ li din il-Qorti tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni, huma l-liġijiet ta' Queensland li għandhom jiġu ap-

plikati; illi l-attriċi abużivament qegħdha żżomm it-tfal tiegħu għandha, u ma għandha ebda dritt iżżommhom kontra l-volontà tiegħu; illi, fl-aħħarnett, l-attriċi telqet mid-dar tiegħu mingħajr ġusta kawża u ma rritornatx, anki wara li ġiet minnu nterpellata b'ittra uffiċjali. Għalhekk it-talbiet attriċi mhumiex fondati, u għandhom jiġu riġettati; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Novembru 1960, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha u ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi, kif ġie verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1960, il-konvenut, b'sostenn ta' din l-eċċezzjoni, iġib dawn ir-raġunijiet:— (1) Li huwa mhuwiex domiċiljat f'Malta; (2) u li l-kuntratt taż-żwieġ bejnu u l-attriċi sar fl-Awstralja;

Illi l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni ta' Stat bil-Qrati tiegħu jiddependi minn xi wieħed minn dawn il-każi:— (a) Meta l-individwu jkun personalment preżenti f'dak l-Istat; (b) meta l-individwu jkollu d-domċilju tiegħu ġo dak l-Istat; (c) meta l-individwu jkun ċittadin jew sudditu ta' dak l-Istat; (d) meta l-individwu jkun akkonsenta għall-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat; (e) meta l-individwu, b'atti minnu magħmula ġo dak l-Istat, ikun issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' l-istess Stat. Hu però risaput, skond ir-regoli tad-Dritt Internazzjonal Privat, li għall-kawżi ta' separazzjoni personali "ut sic" għandhom ġurisdizzjoni l-Qrati tan-nazzjonalità jew domiċilju tar-raġel fil-mument li tiġi ntavolata l-kawża, anki jekk il-konvenut ma jkunx residenti entro tali ġurisdizzjoni fil-mument li l-kawża tiġi istitwita. Kwindi din il-kawża hi ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, jekk il-konvenut, fil-mument lil-kawża ġiet istitwita mill-attriċi, kien domiċiljat hawn Malta. U skond l-art. 743 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċidi l-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna, sakemm għandha d-domiċilju tagħha f'dawn il-Gżejjer; u dan indipendentement mill-fatt jekk din il-persuna hijiex jew le waħda mis-sudditi tal-Maestà Tagħ-

ha r-Reġina, jew hijiex jew le preżenti f'dawn il-Gżejjer jew assenti minnhom. Il-konvenut, però, jgħid li d-domiċilju tiegħu mhuwiex f'Malta, imma fl-Awstralja;

Illi n-nozzjoni tad-domiċilju hi legali, u timporta ness bejn kull individwu u xi soċjetà ċivili jew Stat. Kull persuna għandha jkollha dejjem domiċilju. Għandha ssir distinzjoni bejn domiċilju "di origine" u domiċilju "di elezione". Il-liġi taskrivi lil kull persuna domiċilju tal-oriġini fit-twelid tagħha; liema domiċilju l-istess persuna, meta ssir maġġjorenni u kapaċi, tista' tbiddlu f'domiċilju ta' elezzjoni jekk u meta tagħżel li tittrasferixxi ruħha għal pajjiż ieħor bl-intenzjoni *li tagħmel fih permanentement ir-residenza* tagħha;

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma ppruvax li d-domiċilju tiegħu hu fl-Awstralja; anzi l-provi jiddimostraw li d-domiċilju tiegħu hu, kif kien meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, hawn Malta. Infatti, kif xehed huwa stess, *meta kien l-Awstralja qalulu ħafna affarijiet fuq Malta*, *fuq* ix-xogħol u affarijiet oħra (fol. 28), u hu ġie lura Malta biex jagħmel daru hawnhekk (fol. 15). Affermazzjoni aktar ċara u preċiża minn din ma setgħetx, u ma tistgħax issir mill-konvenut, biex biha jista' jingħad mingħajr eżitazzjoni li bir-ritorn tiegħu kull domiċilju li seta' kellu qabel *il-konvenut għażel li jbiddlu*, u li jkollu minfloku dak ta' Malta. Xejn ma jiswa li l-konvenut jgħid, fir-rikors tiegħu tal-25 ta' Ottubru 1960 (fol. 30), li fil-passaport tiegħu, maħruġ minn Canberra, fl-Awstralja, fiż-17 ta' Settembru 1959, huwa jinsab deskritt bħala "resident of Australia"; għaliex ir-residenza ta' individwu ma timplikax domiċilju, imma timporta sempliċement preżunzjoni "juris tantum" tal-intenzjoni tiegħu li jakkwista d-domiċilju tal-*pajjiż fejn* ikun jirrisjedi;

L-espressjoni "residenza" tindika ċirkustanza ta' fatt li jikkonsisti fejn materjalment l-persuna tkun toqgħod, u mhux neċessarjament fejn hija jkollha d-domiċilju. Wara kollox, fiż-17 ta' Settembru 1959, meta l-konvenut jallega li ntħareġ dak il-passaport huwa kien għadu l-Awstralja, u

kwindi fil-passaport huwa bilfors kellu jiġi deskritt bħala residenti f'dak il-pajjiż;

Lanqas jiswa lill-konvenut il-fatt minnu dimostrat permezz tad-dokument "A" unit mal-imsemmi rikors (fol. 31), ċjoè li huwa emigra minn Malta għall-Awstralja fl-14 ta' Frar 1950, u li dam hemmhekk sal-15 ta' Novembru 1959; għaliex, malgrado t-tul ta' żmien li wieħed ikun ilu jirrisjedi f'pajjiż, huwa ma jakkwistax id-domiċilju tiegħu fih jekk ma jkunx mar bl-intenzjoni li jiffissa hemmhekk permanentement ir-residenza tiegħu. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha taċċetta d-depożizzjoni tal-konvenut fejn jgħid li, meta xehed li huwa ġie lura Malta biex jagħmel daru hawnhekk, huwa ried jgħid li l-mara tiegħu riedet tiġi lura Malta biex tagħmel darha hawnhekk, u mhux huwa. Hemm differenza kbira bejn iż-żewġ diċituri biex jista' jingħad li l-konvenut ried jgħid waħda minflok l-oħra; u dan biex ma jissemmiex li l-konvenut ma jidherx li seta' ha żball jew tfixkel, għaliex il-mara tiegħu ġiet lura Malta ħafna żmien qablu;

Fir-rikors tat-22 ta' Awissu 1960 (fol. 21), u anki fid-dibattitu orali, il-konvenut issottometta li huwa ġie Malta għal sitt xhur biss, biex mbagħad jirritorna l-Awstralja, fejn għandu x-xogħol mad-ditta "Machin Brothers" ta' Brisbane. F'din iċ-ċirkustanza l-konvenut jinsab kontraddett mill-imsemmi dokument "A" minnu prodott, minn fejn jirriżulta li fl-Awstralja l-konvenut, sad-6 ta' Marzu 1960, ma kellu ebda "employment arrangements". Hemm diversi ċirkustanzi oħra li juru li l-konvenut telaq mill-Awstralja definittivament bl-intenzjoni li jirritorna Malta u jiffissa hawnhekk permanentement ir-residenza tiegħu. L-imsemmi dokument "A" mhux ħaġ'oħra ħlief kopja ta' applikazzjoni li huwa għamel fis-6 ta' Marzu 1960 għal "re-entry permit" fl-Awstralja; u l-fatt li huwa talab permess li jirrijentra l-Awstralja juri li l-konvenut kien ħareġ definittivament u mhux provviżorjament għal sitt xhur, minn dak il-pajjiż. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jgħid (fol. 29) li wara xi erbgħa xhur li ġie Malta ġieħ il-ħsieb li jerġa jmur l-Awstralja; fi kliem ieħor, huwa telaq definittivament mill-Awstralja għal Malta bil-ħsieb li jagħmel ir-residenza per-

manenti tiegħu hawnhekk, u wara erbgħa xhur li qagħad hawn Malta ġieh il-ħsieb li jerġa jmur l-Awstralja. Oltre d-depożizzjoni tal-attriċi *(fol. 28), li tafferma li* l-konvenut ġie lura Malta biex jaħdem hawn u jibqa' Malta, u l-prova li l-konvenut minn mindu ġie Malta mpjega ruħu b'salarju tajjeb, jinsab ukoll pruvat li xi tliet xhur qabel ma telaq mill-Awstralja għal Malta l-konvenut biegħ id-dar li kellu hemmhekk — ħaġa li raġjonevolment jiġi preżunt li huwa ma kienx jagħmel kieku huwa kellu l-ħsieb li jerġa jmur l-Awstralja;

Illi fil-kumpless ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha din il-Qorti *hi tal-fehma li d-domiċilju tal-konvenut meta ġiet* preżentata ċ-ċitazzjoni kien hawn Malta, għaliex, apparti jekk huwa kienx jew le tilef id-domiċilju tal-oriġini tiegħu f'Malta bil-qagħad tiegħu fl-Awstralja mill-14 ta' Frar 1950 sal-15 ta' Novembru 1959, u akkwista dak tal-Awstralja, jirriżulta li f'din l-aħħar data huwa ħareġ mill-Awstralja u ġie Malta bl-intenzjoni li jagħmel permanentement ir-residenza tiegħu f'dawn il-Gżejjer;

Rat in-nota tal-konvenut li biha appella minn dik is-sentenza, u *l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata,* billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni preliminari tiegħu li l-Qrati Maltin ma għandhomx ġurisdizzjoni fuq il-każ, u jiġu miċħuda t-talbiet tal-attriċi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, l-appellant issottometta illi fl-eżami tal-*provi ma għandha tittieħed ebda konsiderazzjoni* tax-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-20 ta' Lulju 1960 (fol. 15), għar-raġuni li dik id-depożizzjoni ma ġietx moqrija lix-xhud kif jeħtieġ l-art. 594(2) tal-kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Mix-xhieda tal-Avukat Dr. Frank Vassallo u tad-Deputat Reġistratur Anthony Farrugia, P.L. apparti dik tal-appellant innifsu, jidher tassew li kien hemm ommissjoni ta' regolarità f'dik id-depożizzjoni;

Dik ix-xhieda ttieħdet bl-istenografu kif jidher mix-

"short hand notes" fol. 17. Meta jsir hekk, allura, skond l-art. 594(1), it-traskrizzjoni għandha tinqara lix-xhud, ma-tul is-seduta jew wara, mir-Reġistratur, li għandu jniżżel nota ta' dan il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni. Issa, il-P.L. Farrugia xehed illi dik it-traskrizzjoni, sas-seduta tat-12 ta' Ottubru 1960 (ċjoè aktar minn tliet xhur wara li ngħatat), kienet għadha ma nqratx lix-xhud. Lanqas dak inhar tat-12 ta' Ottubru ma ġiet moqrija lix-xhud mir-Reġistratur kif trid il-liġi. Il-P.L. Farrugia xehed: — "Jiena ma qrajtielux; jekk qraha, qraha hu" (fol. 79). Lanqas jidher eżatt dak li qal il-P.L. Farrugia illi hu ta dik it-traskrizzjoni lill-appellant biex jaqraha. Mix-xhieda ta' Dr. Vassallo u tal-appellant aktarx jidher illi t-traskrizzjoni kienet sejra tibda tinqara jew tiġi tradotta bl-ingliż lill-appellant minn Dr. Vassallo, u ma laħqetx inqrat kollha għax l-avukat ġie msejjaħ mill-Qorti biex jibda jittratta l-kawża;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma hi sejra tagħti ebda każ ta' dik id-depożizzjoni. Il-qari tax-xhieda lix-xhud mhix xi formalità ożjusa jew inċidentali, iżda għandha l-akbar importanza biex taċċerta illi l-kontenut jirrappreżenta tassew dak li qal u fehem u ried jgħid ix-xhud jew, u fil-każ li dan mhux hekk, jagħtieh l-opportunità li jagħmel it-tibdil, korrezzjonijiet jew żiediet li jkunu meħtieġa. Il-Qorti ma tistgħax ma tiddeplorax kwalunkwe nuqqas jew rilassatezza fl-osservanza tar-regoli stabbiliti mil-liġi;

Il-kliem fid-depożizzjoni fuq imsemmija li l-aktar oġġezzjona għalieh l-appellant kien dak fejn jingħad li qal:— "Jiena ġejt lura Malta biex nagħmel dari hawnhekk". F'depożizzjonijiet li ta wara, tant quddiem l-Ewwel Qorti kemm fl-Appell, hu ċaħad dak il-fatt, jew spjegah xort'-oħra, u sostna illi ġie lura Malta għal sitt xhur u biex jara jekk jistgħax jipperswadi lill-mara li terġa tmur lura miegħu l-Awstralja;

Iżda, qabel ma tgħid aktar fuq il-provi, il-Qorti jidhrilha illi għandha tgħid dan li ġej;

Is-sentenza appellata hi bażata fuq l-ipotesi (li però fl-istess sentenza mhix aċċettata definittivament) illi l-appellant, li twieled Malta u kellu oriġinarjament id-domiċilju

tiegħu f'dawn il-Gżejjer, aktar tard tilef dan id-domiċilju ta' oriġini u akkwista d-domiċilju Awstraljan;

Fuq il-provi li saru, din il-Qorti mhix soddisfatta illi dan il-kambjament ġara; u jekk hu hekk, ma tkunx rilevanti l-kwistjoni jekk l-appellant bil-miġja tiegħu lura Malta reġgħax akkwista d-domiċilju tal-oriġini;

L-appellant mar l-Awstralja fi Frar 1950 bħala emigrat, biex jingħaqad ma' missieru li kien emigra xi sena qabel. Dak iż-żmien l-appellant kien minorenni, u kwindi seta' jakkwista d-domiċilju ġdid flok id-domiċilju tal-oriġini biss in kwantu missieru stess għamel dak it-tibdil, sakemm l-appellant baqa' taħt l-età;

Bħala regola jidher li hu prinċipju affermat diversi drabi mill-Qrati Tagħna illi l-Malti li jemigra, avvolja jdum ħafna żmien, ma jitlefx id-domiċilju tal-oriġini tiegħu meta jkun mar għax-xogħol, anki jekk jieħu l-familja miegħu, sakemm ma jkunx hemm provi preċiżi li huwa ma għandux ebda ntenzjoni li jiġi lura (e.g. Vol. XXXVI-I-400; Vol. XXIX-I-759; u sentenzi hemm ċitati);

Issa, dwar missier l-appellant, anqas aċċenn biss ta' provi simili ma sar fil-proċess. Iżda lanqas dwar l-appellant innifsu, wara li dan sar tal-età, ma saru provi konkludenti illi hu abbanduna d-domiċilju malti biex akkwista d-domiċilju Awstraljan. L-avukat tiegħu, waqt it-trattazzjoni tal-appell, issenjala lill-Qorti żewġ fatti li fil-fehma tiegħu kienu juru l-volontà tal-appellant li jistabbilixxi d-domiċilju tiegħu fl-Awstralja meta sar tal-età, ċjoè li żżewweġ u xtara dar;

Iżda l-Qorti jidhrilha li fin-nuqqas ta' provi oħra dawn iż-żewġ fatti mhumiex biżżejjed biex joħolqu l-prova preċiża fuq imsemmija li hu ma kellux intenzjoni li jerġa lura Malta. Iż-żwieġ fih innifsu, meta l-appellant laħaq l-età taż-żwieġ, ma hu ebda prova konkluživa tal-intenzjoni tiegħu li jibqa' għal kollox l-Awstralja, speċjalment meta hu żżewweġ mara Maltija li kienet marret hemm, kif xehdet hija biex toqgħod sentejn (fol. 100). Meta l-partijet iżżewġu, missier l-appellant, apparentement, xtralhom biċċa art u

bnielhom dar fuqha biex ikollhom fejn joqgħodu; iżda anqas dan ma juri ċar l-intenzjoni tal-appellant li eventwalment ma jirritornax Malta;

Kontra dawn il-provi, fihom infishom inkonkluživi, hemm mbagħad ukoll ix-xhieda tal-attriċi. Din qalet:— "Tant ir-raġel tiegħi ma kellux intenzjoni jibqa' għal kollox l-Awstralja, li saħansitra lanqas ħa ċ-ċittadinanza Awstraljana, għax kien dejjem bil-ħsieb li jerġa jiġi Malta" (fol. 100). Il-Qorti tifhem din ix-xhieda tal-attriċi mhux fis-sens illi d-dikjarazzjoni tagħha li l-appellant kien juri l-ħsieb li jerġa jiġi Malta hi merament inferenza li hija nnfisha ġibdet mill-fatt li hu ma ħax iċ-ċittadinanza Awstraljana. Kieku kien hekk, dik l-inferenza, għall-finijiet in diskussjoni, ma kienx ikollha wisq importanza; għax skond l-aħjar ġurisprudenza ngliża, bniedem jista' jbiddel id-domiċilju tiegħu jekk ikollu l-intenzjoni li jibqa' permanentement jew indefinittivament f'pajjiż ġdid anki jekk hu ma jkollu ebda ntenzjoni li jieħu ċ-ċittadinanza ta' dak il-pajjiż u jibqa' għal għomru kollu biċ-ċittadinanza li kellu (Dicey's Conflict of Laws, 6th edition, p. 94-95). Iżda dak li evidentement riedet tgħid l-attriċi kien illi minn dak li kienet tara u tisma hi stess mill-appellant hu kien juri dejjem il-ħsieb li jerġa jiġi Malta, u biss biex tillustra aħjar, jew tkompli, kif dehrilha, tikkonferma dan, hi semmiet il-fatt tan-nuqqas ta' tibdil taċ-ċittadinanza;

Meta wieħed jikkunsidra dawn id-depożizzjonijiet, li l-Qorti temmen, mal-fatt illi l-appellant kien għadu taħt l-età meta żżewweġ (fol. 69), u mal-attriċi dam biss xi sena u nofs l-Awstralja sakemm hi ġiet lura Malta, il-Qorti ma jidhriliex li jista' jingħad li ġie pruvat illi l-appellant, wara li sar tal-età, kellu l-intenzjoni li jabbanduna d-domiċilju tal-orġini (li fin-nuqqas ta' provi l-Qorti qegħda tassumi, kif intqal fuq, li hu kkonserva matul il-minorità tiegħu) u li akkwista d-domiċilju fl-Awstralja;

Għalhekk, kif ġa ntqal, mhux il-każ li jiġi nvestigat il-punt jekk, meta fil-fatt l-appellant ġie lura Malta fiċ-ċirkustanzi riżultanti mill-provi, hu reġgħax akkwista d-domiċilju malti;

Għal dawn il-motivi, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu rritenjet illi d-domiċilju tal-appellant meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni kien Malta, u kwindi dik il-Qorti kellha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll kontra l-appellant;

Il-Qorti tordna li l-proċess jinbagħat lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni.